Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1036/2009

Il-Pulizija
(Sp Spiridiione Zammit)
vs
Franġisku Bonnici, iben Joseph Maria, imwieled Ħal-Għaxaq fl-20 ta’ Diċembru, 1968 (Karta ta’ l-Identita’ numru 27169m)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fid-19 ta’ Novembru, 2008 u fil-ġimgħat ta’ qabel, f’diversi bnadi f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe’ laqa’ għandu tlieta u għoxrin gakk tal-kostruzzjoni liema gakkijiet kienu nsterqu fis-17 ta’ Novembru, 2008

minn ġewwa fond (blokka bini li kienet qed tinbena) sitwata fi Triq mons. Fraġisk Xuereb, Raħal Ġdid propjeta' ta' John Galea miż-Żurrieq u/jew persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Diċembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat
l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------